MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI
# (GHAWDEX)
# (GURISDIZZJONI SUPERJURI)
# (SEZZJONI GENERALI)

## MAGISTRAT
## JOANNE VELLA CUSCHIERI

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2015

Citazzjoni Numru. 40/2012

**Martina Zerafa**

**Vs**

**Rocco sive Ronnie Camilleri**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat ta' l-attrici Martina Zerafa li ppremettiet:

1. Illi hija koproprjetarja fi kwota ndaqs ta' nofs u nofs, indiviza mal-konvenut ta' diversi beni mmobbli specifikament is-segwenti:-

    i. il-bejt diviz u l-arja relattiva tieghu ta' blokk ta' bini konsistenti zewg garaxxijiet u erba' appartamenti, li tigi ezattament fuq l-appartament numru tlieta (3) tal-blokk ta' bini li jismu Sydney Court li jinsab fi Triq Raymond Caruana, Ghajnsielem, Ghawdex liema parti diviza tkopri l-kejl ta' cirka mija u tmienja u tletin metru kwadru u tinkludi wkoll kamra li qeghdha fuq l-istess bejt liema parti diviza tikkonfina mil-lvant ma' l-imsemmija triq, tramuntana ma' beni tal-familja Cauchi u mill-punent mas-successuri fit-titolu ta' Loreto sive Lorry Vella. Dan l-immobbli gie akkwistat minnhom permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Silvio Hili tat-tnax (12) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tnejn (2002). Illi fuq dan l-immobbli gie ottenut permess ta' zvilupp mill-Awtorita ta' Malta Ghall-Ambjent u l-Ippjanar sabiex tinbena penthouse, liema permess igib in-numru tnejn, disgha, zero, erbgha tas-sena elfejn u tmienja (2904/2008).

    ii. il-fond ossia appartament internament mmakat bin-numru wiehed (1) li jinsab fil-ground floor level fi blokk ta' bini minghajr numru u minghajr isem drabi ohra maghruf bhala 'Dove's Heaven' fi Triq l-Ixprunara Ghajnsielem, Ghawdex kif ukoll garaxx internament mmarkat bin-numru tnejn formanti parti minn l-istess korp ta' bini; il-korp kollu konfinanti mil-Lbic ma' Triq Guzeppi Cauchi, tramuntana ma' Triq l-Ixprunara u mil-lvant ma' beni ta' Loretta Scicluna. Dawn l-immobbli gew akkwistati permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Paul George Pisani ta' l-ghaxra (10) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbgha (2004).

    iii. il-fond ossia garaxx fil-livell ta' basement internament mmarkat bin-numru erbgha (4) liema garaxx jifforma parti minn korp ta' bini minghajr numru u minghajr isem li gie kostruwit fuq porzjon art fi Triq Sant'Antnin, Ghajnsielem Ghawdex, l-intier konfinanti mil-Lvant mat-triq, punent ma' beni ta' l-eredi ta' John Vella, u tramuntana beni ta' Kelinu Portelli; kif ukoll kwint (1/5) indiviz mid-dahla u entrata komuni u d-dritt ta' l-uzu ta' l-istess dahla ntiera li taghti ghall-garaxxijiet f'dan il-korp ta' bini u li tohrog ghal fuq triq Sant'Antnin, Ghajnsielem, Ghawdex. Dan l-immobbli gie akkwistat permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Paul George Pisani ta' l-ghoxrin (20) ta' April tas-sena elfejn u erbgha (2004).

    iv. Il-fond ossia appartament internament mmarkat bin-numru tnejn (2) li jinsab fil-first floor level fi blokk ta' bini minghajr numru u minghajr isem drabi ohra maghruf bhala 'Dove's Heaven' fi Triq l-Ixprunara, Ghajnsielem, Ghawdex kif ukoll garaxx internament mmarkat bin-numru tnejn (2) formanti parti minn l-istess korp ta' bini; il-korp kollu konfinanti mil-Lbic ma triq Guzeppi Cauchi, tramuntana ma' triq l-Ixprunara u mil-Lvant ma' beni ta' Loretta Scicluna. Dawn l-immobbli gew akkwistati permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Paul George Pisani tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Jannar tas-sena elfejn u sitta (2006).

2. Illi apparti dawn l-immobbli, il-partijiet huma wkoll koproprjetari fi kwoti ndaqs u ndivizi bejniethom ta' nofs u nofs ta' diversi beni mobbli principalment sitwati fl-immobbli fuq deskriti kif ukoll ta' kontijiet bankarji, kif ser jigi dettaljatament pruvat waqt is-smiegh ta' din il-kawza.

3. Illi l-attrici hallset ukoll nofs l-ispejjes ta' vettura Subaru Forester bin-numru DBH 308 li qeghdha f'isem il-konvenut u fil-pussess tieghu, kif ukoll hallset fl-interess tal-konvenut road licence ghal diversi snin u l-polza ta' l-assikurazzjoni ta' l-istess vettura ghal diversi snin.

4. Illi l-konvenut qed izomm f'idejh diversi oggetti mobbli illi huma personali ossia proprjeta' assoluta ta' l-attrici.

5. Illi l-attrici ma tridx tibqa' fi stat ta' kommunjoni mal-konvenut u ghalhekk trid li ssir d-divizjoni tal-beni kollha mobbli u mmobbli mizmuma in komun, kif ukoll li jigu ritornati lilha l-assi li huma proprjeta esklussiva taghha. Trid ukoll illi jigu likwidati kwalsiasi kontijiet u ammonti dovuti lejha mill-konvenut u li tithallas ta' l-istess.

6. Illi l-esponenti ma hijiex qed tinkludi f'din il-kawza drittijiet li hija ghandha fil-konfront tal-konvenut li jemanu taht il-ligi ta' l-istat tal-Kanada, u li huma regolati bil-ligi Kanadiza, fejn fil-passat kienu domicilati l-partijiet.

7. Illi din il-kawza qed isir u qed tigi kkonfermata bil-gurament mill-attrici Martina Zerafa li ghandha konoxxenza veru u proprja tal-fatti li taw lok ghal din il-kawza.

Illi Talbet li din il-Qorti:

1. Previa, l-konferma ta' l-assi mobbli u mmobbli mizmuma in komun, taqsam l-istess f'zewg porzjonijiet indaqs.

2. Tassennja lil kull wahda mill-partijiet, dak il-porzjoni mill-assi hekk divizi fi tnejn, jekk hemm bzonn wara li tittella' x-xorti bejn il-partijiet.

3. Tinnomina Nutar pubbliku sabiex f'data hin u lok li jigu ffissati minn din l-Onorabbli Qorti jippubblika l-kuntratt ta' divizjoni opportun, kif ordnat mill-Qorti.

4. Tahtar kuratur deputat sabiex jirraprezenta lill-eventwali kontumaci fuq l-att ta' divizjoni u f'kull procedura ohra li joghgobha tordna din il-Qorti.

5. F'kaz illi jirrizulta li l-beni in divizjoni jew uhud minnhom ma humiex kommodament divizibbli tordna l-bejgh b'licitazzjoni taghhom f'data, hin u lok li jigu ffissati mill-Qorti fis-sentenza taghha.

6. Tordna lill-konvenut sabiex jghaddi lura lill-attrici l-beni taghha personali ossia li hija proprjetarja assoluta taghhom.

7. Tordna lill-konvenut ihallas lura lill-attrici dawk il-flus kollha li jirrizultaw wara li jigu likwidati l-kontijiet bejniethom fosthom l-ispejjes kollha li l-attrici nefqet ghax-xiri tal-vettura fuq indikata, u l-ispejjes minnha nkorsi f'registrazzjonijiet u assikurazzjoni ta' l-istess vettura.

Bl-ispejjes kollha nkluza VAT u nkluzi dawk ta' l-ittri ufficcjali ta' Ottubru elfejn u hdax (2011) u Awwissu elfejn u ghaxra (2010), u ta' l-ittri interpellatorji tat-tlieta (3) ta' Awwissu elfejn u ghaxra (2010), kontra l-konvenut li minn issa jinsab ingunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Rocco sive Ronnie Camilleri li kkonferma:

1. Illi huwa sottomess fl-ewwel lok li l-esponenti assolutament qatt ma naqas milli jikkopera biex tintlahaq divizjoni bonarja bejn il-partijiet. Anzi kien pjuttost l-esponenti, kuntrarjament ghar-rikorrenti, li ghamel sforzi kontinwi biex tintlahaq divizjoni bi ftehim. Min-naha taghha, ir-rikorrenti ppartecipat ftit li xejn f'dan ir-rigward, u meta ppartecipat, hija m'ghamlet xejn hlief li ghamlet proposti rragjonevoli, u kontinwament irrevediet il-proposti taghha, bl-ghan li d-divizjoni ma tigi qatt konkluza.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, mhux oppost li jigu likwidati u divizi l-beni komuni tal-partijiet, purche' dawn jigu korrettement identifikati. Ghalhekk, l-ewwel sal-hames talbiet tar-rikorrenti mhux jigu opposti.

3. Illi hija pero' totalment opposta l-allegazzjoni tar-rikorrenti fis-sens li l-attrici harget xi spejjez biex inxtrat il-vettura Subaru Forester, thallsu kontijiet personali tieghu jew xi oggetti ohra appartenenti lill-esponenti. Din l-allegazzjoni hija totalment inveritiera, u kuntrarjament ghal dak allegat, kien l-esponenti li hareg minn butu l-ispejjez kollha ghax-xiri ta' din il-vettura, spejjez ohra relatati maghha u spejjez ohra tieghu in generali. Huwa hareg ukoll l-ispejjez relatati ghall-ghixien kemm tieghu u anki tar-rikorrenti Martina Zerafa ghal diversi snin. Fil-fatt, Martina Zerafa ma hadmitx matul l-ahhar snin ta' konvivenza ta' bejn il-partijiet u huma kienu jghixu unikament fuq il-pensjoni li l-esponenti kien jircievi minn barra minn Malta.

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, il-hlasijiet mitluba mir-rikorrenti huma preskritti a tenur ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili.

5. Illi inoltre, tajjeb jinghad li matul il-konvivenza ta' bejniethom, l-esponenti sahansitra dawwar fuq isem ir-rikorrenti in-nofs indiviz ta' boathouse minghajr ma talabha xi tip ta' hlas.

6. Illi huwa wkoll kontestat li hemm xi assi personali li ghandhom jigu ritornati mill-esponenti lir-rikorrenti. Il-konvenut m'ghandu assolutament l-ebda oggetti f'idejh li huma personali ta' Martina Zerafa.

7. Illi konsegwentament is-sitt u seba' talbiet rikorrenti qed jigu opposti.

8. Illi huwa wkoll kontestat li l-esponenti ghandu jhallas jew jikkumpensa lil Martina Zerafa ghal xi haga. Pjuttost hija l-istess Zerafa li ghandha tirrimborsah ghal taxxa komuni li huwa hallas fil-Kanada fl-interess taz-zewg kontendenti u spejjez ohra li huwa hareg fl-interess taghhom. Ghaldaqstant, fil-kuntest tad-divizjoni ta' bejn il-partijiet, ghandhom isiru l-aggustamenti necessarji biex permezz taghhom, l-esponenti jigi kkumpensat ghal dawn il-hlasijiet li ghamel fl-interess taz-zewg kontendenti.

9. Illi finalment l-esponenti jixtieq jiccara ghall-finijiet u effetti tal-ligi li l-konvivenza ta' bejn il-partijiet ilha li spiccat sa mis-sena elfejn u disgha (2009).

10. Salvi eccezzjonijiet fid-dritt u fil-fatt.

Rat in-nota kongunta tal-partijiet datata 13 ta' Frar, 2014 fejn gie dikjarat kif isegwi:

'Li permezz taghha jiddikajraw illi huma waslu ghal transazzjoni ghal dak li jirrigwarda d-divizjoni tal-proprjeta' immobbli u ta' l-assi bankarji u pekunjarji, kif ukoll ta' l-assi mobbli salv il-vettura Subaru Forester bin-numru DBH 308, u dak kollu illi jirrigwarda l-istess vettura, li ghandu jibqa' mpregudikat u deciz f'din il-kawza.

Il-partijiet transigew ukoll il-kap ta' l-ispejjez, salv dak li ghandu x'jaqsam mal-kwistjoni tal-vettura msemmija. Illi ghaldaqstant, l-attrici qeghdha ccedi l-mertu kollu ta' din il-kawza, salv il-kwistjonijiet illi jolqtu l-vettura fuq imsemmija u l-kap ta' l-ispejjez limitatament kwantu dan jikkoncerna l-kwistjonijiet illi jolqtu din il-vettura.'

Rat l-affidavits, dokumenti u xhieda kollha esebiti fl-atti.

Semghet is-sottomissjonijiet verbali tal-partijiet.

Rat illi fil-verbal tat-13 ta' Frar, 2015 il-kawza giet differita ghad-decizjoni ghal-lum.

**Ikkunsidrat:**

Illi in vista tan-nota kongunta tal-partijiet datata 13 ta' Frar 2014 a fol. 260 tal-process jirrizulta li l-attrici cediet it-talbiet kollha taghha ghir is-seba' talba bl-ispejjez liema talba tikkoncerna x-xiri tal-vettura Subaru Forester msemmija fin-nota kongunta u liema talba taqra kif isegwi:

'Tordna lill-konvenut ihallas lura lill-attrici dawk il-flus kollha li jirrizultaw wara li jigu likwidatati l-kontijiet bejniethom fosthom l-ispejjez kollha li l-attrici nefqet ghax-xiri tal-vettura fuq indikata, u l-ispejjez minnha nkorsi f'registrazzjonijiet u assikurazzjoni ta' l-istess vettura.'

Illi l-konvenut, in succint, fil-konfront ta' din is-seba' talba eccepixxa l-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2156 (f) u cioe' t-terminu ta' hames snin u li l-ispejjez kollha ghax-xiri tal-vettura hargu minn butu u li ghalhekk ma hemm l-ebda somma dovuta lill-attrici. Il-konvenut sostna wkoll fl-eccezzjonijiet tieghu li l-partijiet kien ilhom ma jghixu flimkien sa mis-sena 2009.

Illi l-fatti mertu tat-talba li ghadha vigenti huma li l-partijiet ghamlu zmien twil jghixu flimkien u tul dan iz-zmien huma xtraw diversi proprjetajiet immobbli kif ukoll mobbli u sabiex jaghmlu dan kienu juzaw kontijiet bankarji kongunti f'liema kontijiet jirrizulta li tul is-snin gew depozitati flus miz-zewg partijiet. Fost dawn il-proprjetajiet l-attrici ssostni li nxtrat il-vettura Subaru Forester bin-numru ta' registrazzjoni DBH 308 li izda giet registrata f'isem il-konvenut liema vettura nzammet minnu wara li l-partijiet ma baqghux jghixu flimkien. L-attrici tghid li fil-mument li gew biex jixtru l-vettura legalment infurmawha li l-vettura ma setghetx tigi registrata fuq it-tnejn u a fol. 523 tal-process taghti spjegazzjoni ghalfejn il-vettura giet registrata f'isem Rocco Camilleri biss kif isegwi:

'Il-vettura bilfors kellha tinxtara, mhux tinxtara fuq ismu, skuzani, il-vettura xtrajnieha it-tnejn ma' xulxin imma x'hin gejna biex naghmlu r-registration dik hemm Norbert dakinhar, is-sales person, jiena was very upset ghax jiena ma nafx il-procedura li ma tistax issir fuq zewg ismijiet ir-registration…'

L-attrici qed tippretendi li la darba l-konvenut zamm il-vettura hija ghandha tithallas lura l-flus kollha li hija nefqet ghax-xiri tal-vettura u l-ispejjez inkorsi minnha f'registrazzjonijiet u assikurazzjoni tal-istess vettura. Il-konvenut min-naha tieghu filwaqt li ma jichadx li l-flus hargu minn kont kongunt bejn il-partijiet isostni li l-flus li kien hemm fil-kont kienu tieghu ghaliex rcevihom bhala pagamenti minghand ibnu ghall-vettura precedenti li kellu

(dokument esebit a fol 280), bhala somma meta spicca mix-xoghol (dokument esebit a fol. 281) u hlas ta' pensjoni (fol 283 sa 288).

Jirrizulta nkontestat illi l-vettura nxtrat 'second-hand' fis-sena 2003 ghas-somma ta' disat elef liri Maltin (Lm9,000) u thallset f'seba' pagamenti, l-ewwel wiehed max-xiri ghas-somma ta' erbat elef u sitt mitt liri Maltin (Ĺm4,600) permezz ta' 'bank-draft', hames pagamenti ta' seba' mitt liri Maltin il-wiehed (Ĺm700) u pagament wiehed ta' disa' mitt Liri Maltin (Lm900). L-ahhar pagament sar f'Settembru tas-sena 2003 u dan kien permezz tac-cekk numru 6 ghas-somma ta' disa' mitt liri Maltin (Lm900)[1]. Il-pagamenti hargu kollha ghajr ghall-ewwel wiehed minn kont kongunt bejn il-partijiet mal-Bank of Valletta permezz ta' cekkijiet. Dan huwa konfermat kemm minn Rocco Camilleri fix-xhieda tieghu a fol. 263 et seq tal-process kif ukoll jirrizulta evidenti mill-kopja tac-cekkijiet bil-pagamenti relattivi esebiti fl-atti a fol. 48A, 48B u fol. 244 tal-process. Id-dokument a fol. 247 jikkonferma wkoll li l-ewwel cekk li kien 'bank-draft' ghas-somma ta' erbat elef u sitt mitt Lira Maltin (Lm4,600) hareg fuq ordni ta' Martina Zerafa u mid-dokument a fol. 149 jirrizulta li l-flus ghalih hargu wkoll mill-kont kongunt fit-28 ta' Marzu, 2003. Jigi rilevat li whud mic-cekkijiet huma riportati aktar minn darba f'dawn id-dokumenti. It-termini tal-pagamenti tal-karozza jirrizultaw ukoll mid-dokument esebit a fol. 276 tal-process li jikkonsisti fil-ftehim bejn LIACO Ltd.u l-istess Rocco Camilleri datat 27 ta' Marzu, 2003. Dan id-dokument huwa ffirmat minn Rocco Camilleri izda mhux minn Martina Zerafa.

Il-Qorti tinnota li filwaqt li l-vettura in kontestazzjoni nxtrat fis-27 ta' Marzu, 2003 l-allegat xiri tal-vettura precedenti ta' Rocco Camilleri minn ibnu skont id-dokument a fol. 280 sar f'Gunju 2003. Sa l-ahhar ta' Gunju 2003 kienu ga saru l-ewwel pagament ta' erbat elef u sitt mitt liri Maltin (Lm4,600) kif ukoll tliet pagamenti ta' seba' mitt liri Maltin il-wiehed (Lm700) total ta' sitt elef u seba' mitt Liri Maltin (Lm6,700). Ghalhekk huwa zgur li dan l-ammont ma harigx mis-somma li Rocco Camilleri allegatament ircieva minghand ibnu. In oltre s-somma li allegatament ircieva minghand min kien jimpjega lil Rocco Camilleri a fol. 281 u 309 tal-process hija datata 13 ta' Awissu, 2003. Sa dak in-nhar kien lahaq thallas ukoll il-pagament ta' Lulju 2003 ammontanti ghal seba' mitt Lira (Lm700), total sa dak in-nhar ta' seba't elef u erba' mitt Liri Maltin (Lm7,400). Dan l-ammont ghalhekk zgur li ma harigx mis-somma li Rocco Camilleri rcieva f'Awissu, 2003. Ghal dak li jirrigwarda pensjoni l-konvenut prezenta dokumentazzjoni datata l-1 ta' Dicembru, 2003 il-quddiem. Il-vettura sa dak iz-zmien kienet gia thallset u b'hekk huwa ovvju li l-flus ma gewx mill-pensjoni rizultanti minn dawn id-dokumenti (fol. 283 sa 288). Il-konvenut ukoll permezz ta' dokument esebit a fol. 297 jipprova jaghti spjegazzoni dwar flus li dahlu fil-kont bankarju bin-numru 3632-3000-552 liema kont infetah fl-14 ta' Mejju, 2004. Sa dak in-nhar il-vettura in kwistjoni kienet ilha mhallsa u ghalhekk zgur li ma ntuzawx dawn il-flus ghall-hlas taghha.

---

[1] Fol. 48B. tal-process.

Illi l-konvenut jipprova jsostni l-verzjoni tieghu li l-pagamenti hargu minn flus tieghu billi esebixxa d-dokument a fol. 278 li jikkonsisti f'ittra datata 17 ta' Frar, 2014 (cioe' hdax-il sena wara li nxrat il-karozza) ndirizzata lid-'Director of Traffic' fejn LIACO Limited, minn fejn inxtrat il-vettura, tinforma lid-Direttur li l-vettura thallset kollha minn Rocco Camilleri u li ghalhekk il-vettura setghet tigi trasferita. Din il-Qorti izda ma tqisx din l-ittra bhala prova li l-flus effettivament thallsu unikament minn Rocco Camilleri stante li l-iskop tal-ittra kien sabiex il-vettura tkun tista' tigi trasferita u sabiex isir hekk kien jehtieg li d-Direttur jidentifika fuq min kienet registrata l-vettura u ghalhekk tnizzel isem 'Rokku Camilleri' ghaliex fil-fatt il-vettura kienet registrata fuq ismu u mhux isem l-attrici. Kif inghad izda dan xejn ma jitfa' dawl fuq dak li effettivament gara dwar il-pagamenti hdax-il sena qabel u minn fejn hargu l-flus.

Min-naha l-ohra l-attrici ssostni fl-affidavit taghha (fol. 44 tal-process) li fil-kont kongunt in kwistjoni kienu gew depositati l-flus taghha nkluz flus derivanti mill-bejgh tad-dar taghha fil-Kanada u paga u dan meta l-partijiet gew lura jghixu fil-Gzejjer Maltin u ghalhekk qabel ma nxtrat il-vettura *de quo*.

Illi nonostante dak kollu suespost, huwa evidenti ghall-Qorti li gew minn fejn gew il-flus, dawn gew liberament depozitati f'kont bankarju kongunt bejn il-partijiet mill-istess partijiet minghajr riservi allura l-flus li kien hemm fih ghandhom jitqiesu li kienu proprjeta' tal-partijiet b'mod ugwali.

Illi minn dak suespost, jirrizulta pruvat sal-grad rikjest mil-ligi lil din il-Qorti li l-flus kollha biex thallset il-vettura Subaru Forester fis-sena 2003 thallsu kif isegwi:

(1) Is-somma ta' erbat elef u sitt mitt lira Maltin thallset permezz ta' cekk 'bankdraft' liema cekk ghalkemm ordnat mill-attrici Martina Zerafa jirrizulta mid-dokument a fol. 149 tal-process li hargu mill-kont kongunt tal-partijiet;

(2) Is-somma rimanenti ta' erbat elef u erba' mitt Liri Maltin (Lm4,400) thallset permezz ta' cekkijiet li hargu direttament mill-kont kongunt tal-partijiet.

F'dan l-istadju ssir referenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **Harry Saliba vs Denise Caruana** deciza mill-Onorevoli Prim Awla tal-Qorti Civili fis-6 ta' April 2006 **(**2603/1999/1 JRM) fejn dik il-Qorti kienet studjat fir-reqqa l-kawzali ta' kawza dentika ghal dik odjerna, u ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

'Illi l-azzjoni mibdija mill-attur hija l-azzjoni sussidjarja maghrufa bħala l-*actio de in rem*

*verso*, li hija azzjoni moghtija lill-persuna f'dawk il-kazijiet fejn ma tistax titressaq azzjoni *ex contractu*. Din l-azzjoni hija msejha sussidjarja ghaliex ma tistax tinbeda jekk mhux wara li l-attur ikun fittex ghalxejn mod iehor lil min staghna bi hsara tieghu jew jekk ma jintweriex li ma kien hemm l-ebda azzjoni li setghet issir. Tista' titressaq ukoll fejn jintwera li jkun ghalxejn li l-attur l-ewwel jipprova jmexxi kontra d-debitur tieghu f'kaz, per ezempju, li dan ikun falla jew telaq għal kollox mill-gurisdizzjoni;

Illi l-azzjoni hija wkoll, u minhabba dak li ghadu kemm inghad, wahda ekwitattiva. Kemm hu hekk, il-principju li jmexxi din l-ghamla ta' azzjoni huwa dak li m'huwiex xieraq li persuna tistghana bi hsara ta' haddieħor (*nemo licet locupletari cum aliena iactura*). Ghalhekk, il-limiti tal-azzjoni huma l-qies tal-vantagg li t-terza persuna tkun kisbet minhabba l-ispejjez minfuqa mill-parti attrici, u ghandha l-mira li terga' trodd l-ekwilibriju bejn il-patrimonju ta' min ikun staghna u dak tal-parti li tkun ghamlet jew nefqet spejjez biex dan ikun sehh. Billi din l-azzjoni ghandha l-gherq taghha fl-istitut tal-kwazi-kuntratt, irid jintwera li l-fatt huwa wiehed lecitu u volontarju u li minnu titnissel obbligazzjoni, u li l-fatt ma jkunx sehh kontra l-projbizzjoni espressa tal-parti nteressata;

Illi nghad ukoll li l-elementi li jsejsu l-azzjoni huma (a) li persuna kisbet jew qeghdha tikseb vantagg jew utilita' minħabba li xi gid ta' haddieħor ghadda ghandha jew minhabba li xoghlijiet jew servizzi twettqu fi hwejjigha bla ma sar il-hlas ghalihom jew b'mod li gew iffrankati spejjez lill-parti li b'hekk tkun stagħniet; (b) it-tnaqqis mill-gid tal-parti l-ohra b'titolu lukrattiv; (c) ir-rabta bejn it-tnaqqis tal-gid tal-parti l-wahda u z-zieda jew beneficcju tal-parti l-ohra; (d) in-nuqqas ta' raguni li tiggustifika l-arrikkiment ta' parti u l-"ftaqir" tal-parti l-ohra u (e) li min laqa' ghandu l-haga jew is-servizz staghna b'dik il-haga jew b'dak is-servizz."

Illi l-elementi ndikati mill-Onorevoli Prim Awla, li huma enuncjati fil 'Manuale de Diritto Privato' pubblikat minn Torrenti, jenhtiegu li jigu ezaminati minn dina l-Qorti sabiex jigi stabbilit jekk attwalment jirrizultawx jew le ghall-kaz odjern.

Mill-fatti kif proposti, jirrizulta illi l-konvenut kiseb vantagg mill-gid tal-attrici billi l-flus li permezz taghha thallset il-vettura uzata minnu u li giet mizmuma minnu hargu minn kont kongunt bejn il-partijiet u b'hekk nofs il-flus kienu proprjeta' tal-attrici. Il-konvenut ibbenefika minn dan il-fatt billi kellu l-vettura registrata fuq ismu u fil-pussess tieghu u eventwalment meta ntemmet ir-relazzjoni inzammet minnu.

L-ahhar element li l-Qorti ghandha tezamina fir-reqqa hija r-raba' indikatur imsemmi minn Torrente u il-Prim Awla fid-decizjoni hawn fuq indikata, ossija n-nuqqas ta' gustifikazzjoni tal-ftaqir ta' wiehed, ossija l-attrici, u l-arrikkiment ta' l-iehor, ossija l-konvenut. Sal-mument illi l-vettura nxtrat bejn il-partijiet sabiex tintuza minnhom it-tnejn stante li kienu f'relazzjoni ir-raba' element ma jidhirx li huwa ppruvat. Izda fil-mument li thassret ir-relazzjoni bejn il-partijiet tali gustifikazzjoni ma baqghetx aktar ezistenti, billi l-hsieb wara x-xiri tal-vettura da parti tal-attrici kien li din tigi uzata mit-tnejn u mhux li tittiehed u titgawda unikament mill-konvenut kif fil-fatt gara a skapitu tal-attrici. Ghalhekk, f'dak il-mument, il-gustifikazzjoni ma baqghetx aktar wahda fattibbli bir-rizultat li r-raba' element fuq indikat

jirrizulta li gie ppruvat wkoll.

Illi ghalhekk huwa car illi l-konvenut ha beneficcju minn 'kwazi-kuntratt' illi sar bejn il-partijiet, meta l-attrici hareg flus ghall-vettura li nxtrat ghall-beneficcju taz-zewg partijiet fir-relazzjoni taghhom, liema beneficcju kien marbut ma' tali fatt illi eventwalment sfaxxa meta r-relazzjoni spiccat u l-vettura nzammet mill-konvenut. Tali fatt, ghalhekk, iwassal ghall-konkluzjoni illi kienet ukoll ben tajjeb waslet ghalih il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza hawn fuq ikkwotata illi: "m'huwiex xieraq li persuna tistghana bi hsara ta' haddiehor (*nemo licet locupletari cum aliena iactura*)", allura l-konvenut huwa obbligat illi jrodd lura l-flus li harget l-attrici.

It-talba attrici hija cara fejn hija qed titlob li tithallas l-ispejjez kollha li nefqet ghax-xiri tal-vettura in kwistjoni. La darba l-flus hargu minn kont kongunt bejn il-partijiet jirrizulta li hija harget nofs is-somma cioe' dik ta' erbat elef u hames mitt Liri Maltin (Lm4,500) ekwivalenti ghal ghaxart elef, erba' mija u tnejn u tmenin Euro u tmintax-il centezmu (€10,482.18) u ghal dawn ghandu jaghmel tajjeb il-konvenut.

Illi fir-rigward tal-pretensjonijiet tal-attrici fuq spejjez imhallsa ghall-assikurazzjoni tal-vettura jigi rilevat li l-ircevuti esebiti a fol. 311 sa 313 tal-process jirrelataw ma' assikurazzjoni tal-vettura li tithallas kull sena u dawn huma ghas-snin 2003, 2004, 2005, 2006, 2007 u 2008 cioe' zmien meta l-attrici u l-konvenut kienu ghadhom qed jirrisjedu flimkien u b'hekk ghamlu uzu mill-vettura flimkien ghalhekk ma jissusistix ir-raba' element tal-*actio de in rem verso*. Apparti minn hekk dawn kienu spejjez annwali li se mai mal-iskadenza tas-sena in partikolari ma jibqalhom l-ebda valur. Il-Qorti ma tqisx li l-attrici ghandha dritt ghar-rimbors ta' dawn l-ispejjez.

Fir-rigward tal-assikurazzjoni ghas-sena 2010 kopja taghha esebita a fol. 48 F tal-process l-attrici ssostni li s-somma ta' mitejn u tmienja u tletin Euro (€238) thallset mill-'joint account' wara li giet mgieghla tiffirma c-cekk mill-konvenut u fil-fatt hija kellha l-original tad-dokument. Dak iz-zmien il-partijiet ma kienux ghadhom flimkien (Ara xhieda a fol. 527 et seq tal-process). Stante li l-vettura kienet registrata f'isem Rocco Camilleri huwa ovvju li l-polza nharget f'ismu biss izda x-xhud uriet lill-Qorti 'cheque stub' tac-cekk bin-numru 62 datat 29 ta' April, 2010 li jidher li hareg fuq Compass Group (kopja esebita a fol. 537 tal-process). L-attrici a fol. 530 spjegat li hija giet indotta tiffirma c-cekk mill-kont kongunt ghalkemm ma kienux ghadhom flimkien ghaliex il-konvenut insista maghha li l-vettura kienet ghadha taghhom it-tnejn u li hi kien minghaliha li kienu ser jiftehemu li jaghtiha nofsha. Irrizulta izda konsegwentement li l-konvenut, meta nbieghet xi proprjeta' immobbli tal-partijiet, irrifjuta li jaghti sehem l-attrici mill-vettura. Il-Qorti tqis li la darba l-attrici ma ghamiltx uzu mill-assikurazzjoni tal-vettura fl-2010 stante li l-vettura ma kinitx ghandha, u la darba l-flus in kwistjoni hargu mill-kont kongunt, allura nofs dik l-ispiza ghandha wkoll tigi ritornata lill-attrici u cioe' s-somma ta' mija u dsatax-il euro (€119).

**Preskrizzjoni**

Illi ghalkemm gie deciz li l-konvenut huwa debitur tal-attrici ghas-somom hawn fuq indikati jonqos izda li din il-Qorti tikkunsidra l-eccezzjoni mqajjma mill-konvenut tal-preskrizzjoni ta' hames snin ai termini tal-artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi:

"L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' hames snin:

(f) l-azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-ligi jew ligijiet ohra taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku."

Il-preskrizzjonijiet qosra huma kollha eccezzjonijiet ghar-regola generali tal-preskrizzjoni li tinsab fl-artikolu 2143 tal- Kodici Civili. Ghalhekk, bhal kull eccezzjoni ohra, il-preskrizzjonijiet qosra ghandhom jinghataw interpretazzjoni restrittiva.[2]

Fil-kawza, **Giovanni Saliba et vs Angelo Grech** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Frar 1949, inghad li fejn fl-artikolu 2156(f) jinghad "ghall-hlas ta' kull kreditu iehor......" dik il-kelma "iehor" turi bic-car illi l-legislatur qieghed jikkommetti din id-dispozizzjoni mas-sezzjonijiet precedenti, fejn huma ndikati krediti specifici u ghalhekk dak il-kreditu ghandu jkun ***eiusdem generis*** skont ir-regola komunement accettata fil-gurisprudenza. U f'din il-kawza saret referenza wkoll ghal **Spiteri vs Petrococchino et** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fid-9 ta' Jannar 1919.

Huwa ghalhekk principju stabbilit fil-gurisprudenza li l-preskrizzjoni taht l-artikolu 2156(f) hija soggetta ghal interpretazzjoni ***eiusdem generis***. Ghaldaqstant, il-kelma "kreditu" minhabba fir-restrizzjoni tar-regola ta' interpretazzjoni ta' ***eiusdem generis***, tigbor fiha biss jeddijiet li huma ta' l-istess natura bhal jeddijiet l-ohra msemmija fl-artikolu 2156. F'dan il-kuntest, ta' min ighid li l-ebda wiehed mill-krediti msemmija fl-artikolu 2156 ma huwa kreditu ta' obbligazione di fare, imma huma kollha obbligazzjonijiet ghall-hlas ta' flus.

Fil-kaz in ezami is-seba' talba attrici hija cara fejn hija qed titlob li tigi likwidata s-somma minfuqa minnha ghax-xiri tal-vettura u l-ispejjez inkorsi f'registrazzjonijiet u assikurazzjoni

[2] Ara kawzi fl-ismijiet **Ralph Naudi, Francis Micallef u William Mock vs Maltacom p.l.c.,** Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza nhar id-9 ta' Novembru 2001 (2447/98 konfermata fl-appell nhar il-25 ta' Frar, 2005) u **Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Ltd vs Dismar Co. Ltd., (**99/2001 konfermata fl-appell nhar il-25 ta' Mejju, 2007) Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza nhar it-12 ta' Ottubru 2004, u **Baudry- Lacantinerie et Tissier** fit-trattato Teorico Pratico di Diritto Civile Vol XXVIII, "Della Prescrizione" Par. 712.

tal-istess vettura. Ghalhekk huwa car li dak li qed titlob l-attrici huwa l-hlas lura ta' flus u b'hekk huwa suggett ghall-preskrizzjoni msemmija mill-konenut ai termini tal-artikolu 2156 (f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fir-rigward tas-somma ta' mija u dsatax-il euro (€119) rapprezentanti nofs l-ispiza tal-assikurazzjoni tas-sena 2010 jirrizulta lil din il-Qorti li mhix preskritta bil-perjodu ta' hames snin indikat mill-konvenut stante li l-kawza nfethet u giet notifikata lil Rocco Camilleri fis-sena 2012. Ghalkemm l-attrici ssemmi fir-rikors guramentat li kien hemm xi ittri ufficcjali li gew notifikati lill-konvenut ma tressqet l-ebda prova taghhom fl-atti u ghalhekk din il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni taghhom.

Illi fir-rigward ta' nofs is-somma mhallsa ghall-vettura ma hemmx kontestazzjoni li l-ahhar pagament hareg mill-kont kongunt f'Settembru tas-sena 2003 cioe' kwazi tnax-il sena qabel infethet il-kawza. Izda dan ma jfissirx li t-terminu ta' preskrizzjoni ghad-debitu tal-konvenut fil-konfront tal-attrici ghas-somma rapprezentanti nofs kemm inxtrat il-vettura beda jiddekorri fil-mument li din thallset.

Fuq dan il-punt issir referenza ghas- sentenza fl-ismijiet **Helen Schembri et vs. Anthony George Zarha noe** (Citazzjoni numru 449/2004GV) moghtija mill-Onorevoli Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' April, 2005 fejn dik il-Qorti kkwotat minn decizjoni ohra taghha stess fl-ismijiet **Perit Edwin Calleja pro et nomine vs Joseph Said et** (Citazzjoni Numru 357/1999GV) datata 31 ta' Ottubru, 2003 fejn gie stabbilit li l-preskrizzjoni tibda tiddekorri minn dakinhar li l-azzjoni tista' tigi ezercitata:

"L-Artikolu 2137 tal-Kap. 16 jistabilixxi li l-perjodu ta' preskrizzjoni ma jibdiex jiddekorri hlief minn dakinhar li l-azzjoni relattiva tkun tista' tigi ezercitata (ara Laurent Diritto Civile Vol. 22 para. 16). Ghalhekk il-Qorti trid tara meta twieldet l-obbligazzjoni tal-konvenut li jhallas ghall-okkupazzjoni tieghu tal-fond in kwistjoni u meta twieled ir-relattiv dritt ta' l-attur biex jagixxi kontra tieghu fuq dina l-kawzali".

L-istess jinghad fil-kaz odjern. Din il-Qorti hija obbligata li tindaga meta twieldet l-obbligazzjoni tal-konvenut li jhallas lura lill-attrici u meta twieled id-dritt relattiv tal-attrici li tagixxi kontra tieghu abbazi tal-kawzali odjerna. Jirrizulta lil din il-Qorti li meta nxtrat il-vettura mill-kont kongunt tal-partijiet, il-partijiet kienu jirrisjedu flimkien u l-vettura kienet isservi l-bzonnijiet tat-tnejn u ghalhekk f'dak il-mument ma kien hemm l-ebda intendiment min-naha jew minn ohra li xi parti jew ohra kellha thallas lura nofs is-somma mhallsa fuq il-vettura. F'dak il-mument lanqas ir-raba' element tal-*actio in rem verso* ma kien jissussisti kif gia nghad aktar 'il fuq f'din id-decizjoni L-obbligazzjoni tal-konvenut li jhallas lura nofs il-flus mhallsa ghall-vettura emaniet fil-mument li l-partijiet ma baqghux flimkien u huwa zamm il-vettura ghalih. Huwa wkoll f'dan il-mument li twieled id-dritt tal-attrici li titlob ir-rimbors minghand il-konvenut u cioe' d-dritt tal-azzjoni *actio in rem verso*. Jirrizulta lill-Qorti li dan kien f'xi mument fis-sena 2009, cioe' s-sena fejn *ex admissis* mill-konvenut fl-

eccezzjonijiet tieghu l-partijiet ma baqghux jirrisjedu flimkien. Ma jirrizultax mill-atti lil din il-Qorti d-data preciza meta l-partijiet ma baqghux jirrisjedu flimkien izda anki jekk wiehed jikkalkula mill-1 ta' Jannar, 2009 sad-data li giet prezentata l-kawza quddiem din il-Qorti nhar il-25 ta' Mejju, 2012 jirrizulta li l-perjodu dekors kien ta' madwar sentejn u hames xhur u l-perjodu ta' hames snin indikat fl-artikolu 2156 (f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta ma kienx ghadu skada. Ghaldaqstant jirrizulta lil din il-Qorti li l-pretensjoni tal-attrici ghas-somma ta' ghaxart elef, erba' mija u tnejn u tmenin Euro u tmintax-il centezmu (€10,482.18) f'termini tal-ligi mihiex preskritta.

**Decizjoni**

Ghar-ragunijiet suesposti, l-Qorti:

- tiddikjara l-ewwel, it-tieni, t-tielet, ir-raba', l-hames u sitt talbiet attrici bhala ezawriti bil-kap tal-ispejjez,

- tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut applikabbli ghas-seba' talba u tilqa' s-seba' talba attrici limitatament ghall-flus mahruga mill-attrici ghax-xiri tal-vettura Subaru Forester, cioe' nofs il-flus imhallsa mill-kont kongunt biex inxtrat kif ukoll ghal nofs is-somma mhallsa bhala assikurazzjoni tal-vettura ghas-sena 2010;

- tiddikjara lill-konvenut debitur tal-attrici ghas-somma globali ta' ghaxart elef, sitt mija u euro u tmintax-il centezmu (€10,601.18) u tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' ghaxart elef, sitt mija u euro u tmintax-il centezmu (€10,601.18) bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-proceduri odjerni sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez (salv dawk gia transatti bejn il-partijiet) ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------